MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR.
## NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2014

Numru. 519/2013

Il-**Pulizija**

**(Spettur Mario Haber)**

**vs.**

**Amer Barkat Zaky Abdel Razak**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Amer Barkat Zaky Abdel Razak**, ta′ tmienja u tletin (38) sena, Nazzjonalita′ Egizzjan, imwieled f′Dimjat, l-Egittu, fit-8 ta′ Marzu 1975, iben Barkat (haj) u Reda (mejta), detentur tal-Karta tal-Identita′ mahruga Malta 0044983A u Passaport Egizzjan numru 876085, residenti fuq skuna tas-sajd Golden Dawn, akkuzat talli:

1. fis-26 ta′ Mejju 2013 u fil-jiem ta′ qabel f′dawn il-Gzejjer iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f′Passaport Egizzjan, Ktieb tal-Bahar Egizzjan u Licenzja tal-Bahar Egizzjana, jew uza jew kellu pussess tieghu l-istess Passaport, Ktieb tal-Bahar u Licenzja tal-Bahar li hu kien jaf li gew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom f′ismu stess bin-numri

872924, 0172465 u 21717 rispettivament (Kapitolu 61, Artikolu 5 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kapitolu 9, Artikolu 189 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi iffalsifika xi dokumenti jew kopji vera ta' dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kapitolu 217, Artikolu 32(1)(d) tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta' l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 2).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 19).

Semghet lix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien ragonevoli jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet, fis-seduta tallum, is-sottomissjonijiet finali dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nfitta fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat u kif ukoll l-ammissjoni tieghu f'dawn il-proceduri

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u Artikolu 32(1)(d) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Amer Barkat Zaky Abdel Razak hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal tlitt (3) snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlitt snin millum.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------